MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 31/2007/1

**Paul Fenech, Monica Saguna, Vincent Fenech, Mario Fenech, Carmela Sammut, Joseph Buttigieg, Angela Buttigieg, Joseph Buttigieg, Mary Conti, Emanuel Buttigieg, Stella Muscat, Angelo Buttigieg, Mary Buttigeg, armla ta' Robert Buttigieg ghal kull interess li jista' jkollha, Carmela sive Karm Buttigieg, John Buttigieg, Emmanuel Buttigieg, Maria Brincat, Carmen Borg, Angela Buttigieg bhala prokuratrici ta' l-assenti Carmelo Micallef, Paul Micallef, Concetta Calleja, Doris Xuereb u Angela Linsley ilkoll assenti u residenti barra minn Malta, l-imsemmija Monica Saguna bhala prokuratrici ta' l-assenti Carmen**

**Scicluna, Antoinette Kitchens, Angelo Calleja u Vincent Calleja ilkoll assenti u residenti l-Awstralja.**

**v.**

**Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan l-appell jirrigwarda parti minn proprjeta` li ghalkemm b'dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fl-1991 giet dikjarata li hemm bzonn l-esproprjazzjoni taghha ghal skop pubbliku, il-proceduri ta' l-esproprjazzjoni baqghu ma gewx kompletati.

**2.** Il-fatti saljenti m'hemmx verament kontestazzjoni dwarhom, u huma essenzjalment is-segwenti:

1. Ir-rikorrenti huma lkoll proprjetarji tal-fond numru 18 fi Triq Parisio, Sliema, liema fond ghandu tlett bibien, u cioe` dawk bin-numri 16, 17 u 18.
2. Permezz ta' dikjarazzjoni tal-President ta' Malta maghmula fit-22 ta' Jannar 1991 taht il-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta, gie dikjarat li parti minn dan il-fond tal-kejl ta' 159.4 metri kwadri hija mehtiega ghal skop pubbliku, u ghandha tigi akkwistata b'titolu ta' xiri assolut.
3. Il-proprjeta` fl-intier taghha ghandha mizura ta' cirka 529 metri kwadri u tikkonsisti f'dar ta' abitazzjoni w art wara d-dar. Il-parti li kellha tigi esproprjata tinkludi biss id-dar ta' abitazzjoni.
4. Mill-provi jirrizulta illi fi zmien li fih giet pubblikata d-dikjarazzjoni tal-President, l-intenzjoni kienet illi dan il-fond jitwaqqa' biex tinfetah triq.
5. Minkejja l-pubblikazzjoni ta' l-avviz ta' esproprjazzjoni fis-sena 1991, il-procedura ta' l-esproprjazzjoni ma tkomplietx, u fil-fatt ir-rikorrenti qatt ma gew notifikati b'avviz ghal ftehim.
6. Il-Gvern qatt ma ha pussess materjali tal-fond, u l-pussess materjali baqa' f'idejn ir-rikorrenti. Ghalhekk, dan

il-fond qatt ma gie uzat mill-Gvern, u wisq inqas ittiehdu mizuri biex jitwaqqa' halli tinfetah it-triq.

7. Bit-trapass taz-zmien il-proprjeta` bdiet tiddeterjora, u sahansitra bdew jidhlu abbuzivament terzi persuni jokkupawha, tant li l-bieb u t-twieqi kellhom jigu mbarrati bil-gebel[1].

8. F'dawn ic-cirkostanzi, ir-rikorrenti lanqas setghu jaghmlu uzu u jgawdu dik il-parti tal-fond li ma gietx esproprjata.

9. F'Awissu ta' l-2006 gie pubblikat il-Pjan Lokali li jolqot l-area ta' tas-Sliema. Skond dan il-Pjan Lokali, fl-area li giet esproprjata minflok it-triq progettata ghandu jsir tarag pubbliku[2].

**<u>It-talba u l-eccezzjonijiet</u>**

**3.** Fir-rikors promotorju taghhom ir-rikorrenti talbu lill-Prim Awla tal-Qorti Civili taghtihom dawk ir-rimedji li jidhrilha xieraq biex tassigura l-harsien u t-twettieq tad-drittijiet fondamentali taghhom, fosthom billi:

**(1) tiddikjara illi t-tehid tal-propjeta` fuq imsemmija, anke jekk meta ittiehdet kienet isservi skop pubbliku, illum tali tehid jiddifetta minn skop pubbliku u ghalhekk id-Dikjarazzjoni tal-President tat-22 ta' Jannar 1991 li biha l-proprjeta` tar-rikorrenti giet esproprjata hija nulla u bla effett billi tali tehid huwa vjolattiv tad-dritt tar-rikorrenti kif protetti f'Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol ghall-Konvenzjoni Ewropea; in oltre**

**(2) tiddikjara illi tali tehid u l-agir ta' l-intimat huma ukoll vjolattivi tad-dritt tar-rikorrenti protett b'Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; u**

**(3) konsegwentement tikkundanna lill-intimati ihallsu dak il-kumpens xieraq u dawk id-danni li jigu likwidati bhala kumpens ghall-imsemmija vjolazzjoni liema kumpens ghandu jinkludi fost affarijiet ohra**

[1] Ara xhieda ta' Mario Fenech a fol. 71/72 tal-process

[2] Ara xhieda tal-Perit Pierre Sapiano a fol. 103 tal-process u Dok PS2 u PS3 a fol. 87 u 88 tal-process.

**ammont likwidat ghall-hsara li saret fil-proprjeta` tar-rikorrenti bhala konsegwenza tat-tehid imsemmi.**

**4.** Fir-risposta taghhom l-intimati eccepew hekk:

**1. Preliminarjament l-intimat Avukat Generali mhux legittimu kontradittur ghal din il-lanjanza ai termini ta' l-artikolu 181B(1) u (2) tal-Kap. 12. Ir-rikorrenti qed jallegaw ksur tad-drittijiet tal-bniedem rizultanti minn esproprjazzjoni ta' proprjeta` u ghal dan jista' jwiegeb tajjeb hafna l-intimat l-iehor. Il-Qrati taghna dejjem zammew mal-punt li l-esponent Avukat Generali jkun legitimu kuntradittur f'kawzi kostituzzjonali meta tkun attakkata xi ligi partikolari a bazi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Pero` f'din il-procedura r-rikorrenti mhux qed jattakkaw l-ebda ligi imma biss l-esproprjazzjoni.**

**2. Preliminarjament ukoll in kwantu a) l-ewwel talba tar-rikorrent hija talba ghal dikjarazzjoni mill-Qorti li l-esproprjazzjoni tal-proprjeta` saret, jew llum hi, minghajr l-iskop pubbliku mehtieg, b) in kwantu t-tieni talba torbot ma' l-ewwel wahda, u c) in kwantu t-tielet talba tar-rikorrenti hija talba ghal danni, din il-Qorti ghandha tastjeni milli tisma' dan il-kaz ai termini ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni. L-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti kellhom rimedji ordinarji xierqa ghal-lanjanzi taghhom, fosthom kawza ta' *judicial review* biex jattakkaw l-esproprjazzjoni minhabba l-allegata karenza ta' skop pubbliku, u kawza civili ghall-allegati danni sofferti. Certament dawn huma rimedji ordinarji effettivi ghal-lanjanzi taghhom.**

**3. Illi fil-mertu jinghad li, kif se jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, mhux minnu li r-rikorrenti kienu mcahhda mill-uzu tal-proprjeta` esproprjata, jew mizmuma milli jgawdu l-proprjeta` esproprjata jew xi proprjeta` adjacenti maghha. Ghalkemm hu minnu li d-Dikjarazzjoni tal-President giet publikata f'Jannar 1991, il-Gvern qatt ma ha pussess tal-proprjeta` esproprjata u ghalhekk ir-rikorrenti setghu liberament**

**jibqghu juzaw din il-proprjeta sal-lum. Jekk imbaghad ir-rikorrenti minn rajhom abbandunaw din il-proprjeta`, allura ma jistghux jitolbu l-Gvern biex iwiegeb ghad-danni allegatament sofferti minnhom.**

**4. Illi jinghad ukoll li l-fatt fih innifsu li l-Gvern ma hax pussess tal-proprjeta` esproprjata u l-fatt li ghadu ma twettaqx il-progett pubbliku ppjanat ma jfissirx fih innifsu li b'daqshekk l-esproprjazzjoni jew ma kellhiex, jew m'ghandhiex, skop pubbliku. Ifisser biss li l-progett mahsub ghadu ma twettaqx.**

**5. Illi jinghad ukoll li l-iskop wara dan l-esproprju kien biex tinfetah triq pubblika. Ghalhekk certament li jissussisti skop pubbliku li jiggustifika l-esproprjazzjoni.**

**6. Illi jinghad li m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront tar-rikorrenti u dan minhabba r-ragunijiet segwenti.**

**7. Illi in kwantu r-rikorrenti jallegaw ksur ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni (trattament inuman u degradanti), l-esponenti jissottomettu li fir-rikors promotur m'hemm l-ebda fatti li remotament jindikaw ksur ta' dan l-artikolu. L-esponenti jissottomettu wkoll li l-interpretazzjoni li r-rikorrenti qed jaghtu lil dan l-artikolu hi farseska u abuziva peress li dan l-artikolu jirreferi ghal cirkostanzi ferm iktar serji minn dawk fir-rikors promotur.**

**8. Illi in kwantu r-rikorrenti jallegaw ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottomettu li**

**a) Ir-rikors promotur ma jittratta l-ebda proceduri civili, haga li hija elementari fl-applikazzjoni ta' dawn l-artikoli.**
**b) In oltre l-esponenti jissottomettu li jekk ir-rikorrenti qed jallegaw ksur tad-dritt t'access ghall-qorti, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti kellhom il-possibilita` shiha li jadixxu lill-qorti. Fost**

**ohrajn setghu adixxew lill-qorti biex ikun dikjarat li l-intimat Kummissarju ta' l-Art esproprja minghajr ma kien hemm skop pubblika [recte: pubbliku] wara l-esproprjazzjoni. Pero` kif ga nghad, ir-rikorrenti liberalment ghazlu li ma jutilizzawx dan ir-rimedju ordinarju.**
**c) Dwar l-allegazzjoni li r-rikorrenti ma setghux jadixxu lill-qorti biex din tiffissa kumpens peress li l-intimat Kummissarju ta' l-Art ma kienx hareg l-avviz ta' ftehim, l-esponenti jissottomettu s-segwenti. Ir-rikorrenti donnhom hawn qed jaghmlu allegazzjoni ta' ksur tad-dritt t'access ghall-qorti, pero` dan l-argument taghhom ma jreggix. Dan ghaliex biex japplikaw l-artikli 39 u 6, min jaghmel l-ilment irid ikollu diga` dritt investit *(sic!)* fih. Issa sal-lum ir-rikorrenti ghadhom sidien ta' din il-proprjeta` u jistghu juzawha liberament. Ghalhekk huma ma jistghux jadixxu lill-qorti biex taghtihom kumpens ghal tehid ta' proprjeta` li ghadha taghhom u li ma ttehditx. Id-dritt ta' kumpens ghadu ma twelidx ghax ir-rikorrenti ghadhom sidien tal-proprjeta`. Ghalhekk dawn l-artikli ma japplikawx lanqas ghal dan l-aspett ta' l-allegazzjoni tar-rikorrenti.**

**9. Illi in kwantu r-rikorrenti qed jallegaw ksur ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni (dritt tal-proprjeta`), l-esponenti jissottomettu li f'dan l-istadju l-proprjeta` ghadha tar-rikorrenti u ghadhom jistghu igawduha liberament. Barra minn hekk jinghad ukoll li jista' jsir tehid tal-proprjeta` diment li dan ikun ghal skop pubbliku. L-esponenti jissottomettu li l-iskop wara dan l-esproprju kien wiehed pubbliku, u cioe` biex tinfetah triq. Ghalhekk dan l-artikolu mhux applikabbli.**

**5.** Fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2008 mizmuma quddiem l-ewwel Qorti – cioe` quddiem il-Prim Awla – Dottor Marvic Sciberras Abdilla ghall-intimati, b'referenza ghar-risposta ta' l-intimati hawn fuq riprodotta, irrelevat illi l-paragrafu 7 ghandu jigi skartat peress illi ma kellux jigi inserit f'din ir-risposta. Hija irrelevat wkoll li fil-paragrafu 9, ir-riferenza

qed issir ukoll ghall-allegat ksur ta’ l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta[3].

**Is-sentenza appellata**

**6.** B’sentenza tas-16 ta’ Mejju 2008, il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet mil-vertenza billi hassret u annullat l-ordni ta’ esproprjazzjoni maghmula bid-Dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta tat-22 ta’ Jannar 1991, fir-rigward tal-proprjeta 16, 17 u 18, Triq Parisio, Sliema, u ordnat lill-intimat Kummissarju ta’ l-Artijiet sabiex b’effett immedjat jirrilaxxja l-pussess battal ta’ din il-proprjeta` a favur ir-rikorrenti u jghaddiha lura f’idejn ir-rikorrenti fl-istat li hi, u ikkundannat lill-istess Kummissarju ta’ l-Artijiet jhallas lir-rikorrenti s-somma ta’ €50,000 (hamsin elf ewro) bhala kumpens ghal hsarat fil-fond u ghall-agir illegali w abuziv tieghu, u dan wara li sabet li l-agir ta’ l-istess Kummissarju fir-rigward ta’ din il-proprjeta` kien leziv u bi ksur tad-dritt tar-rikorrenti protett bl-artikoli 37 u 39[4] tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bl-artikolu 1 ta’ l-ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropa tad-Drittijiet tal-Bniedem; cahdet it-talbiet tar-rikorrenti fil-kuntest ta’ l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; illiberat lill-intimat Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju; u kwantu ghal-ispejjez ipprovdiet li dawn jithallsu kwantu ghal terz (1/3) mir-rikorrenti u zewg terzi (2/3) mill-intimat Kummissarju tal-Artijiet.

**7.** L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ikkunsidrat is-segwenti:
“Fl-ewwel lok, trid tigi mistharga l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-Avukat Generali li hu mhux il-legittimu kuntradittur. Kwistjoni simili gieli giet trattata minn din il-Qorti u dik Kostituzzjonali, u fl-1995 saru bidliet fil-ligi procedurali li kienu mahsuba biex ma jhallux aktar kwistjonijiet ta` xejra preliminari dwar min ghandu jidher

[3] Ara verbal a fol. 108 tal-process.
[4] Ir-referenza hawn ghall-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jidher li hu zball ta’ redazzjoni, anke jekk wiehed jara dak li jinghad immedjatament wara fir-rigward ta’ l-istess disposizzjoni. La l-appellant u lanqas l-appellati, pero`, ma qajjmu ebda kwistjoni dwar dan il-fatt.

ghall-Gvern, ixekklu l-mixi ‘l quddiem tas-smiegh tal-kawzi fil-meritu. Bis-sahha tal-artikolu 181B tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, ir-regoli iccaraw kif wiehed ghandu jirregola ruhu mhux biss f`kawzi ta` natura kostituzzjonali. Dan l-artikolu gie imfisser minn din il-Qorti fil-kawza “Caruana vs L-Onorevoli Prim Ministru”, deciza fil-31 ta` Mejju, 2006, fis-sens li gej:

*““Illi fil-fehma ta` din il-Qorti, dan ifisser li l-legislatur ried li f`kull kax li fih wahda mill-partijiet tkun il-Gvern, dik ir-rapprezentanza tkun principalment f`kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna tal-Avukat Generali, li dejjem u f`kull kaz irid jigi wkoll notifikat bl-atti gudizzjarji li jitressqu kontra l-Gvern”.*

“Ghalhekk, la darba jezisti, f`dan il-kaz, kap tad-dipartiment, il-pozizzjoni tal-Avukat Generali bhala intimat hija irritwali, u ghandu jigi liberat mill-osservazzjoni tal-gudizzju.

“Ghar-rigward tal-meritu, kif intqal mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “Pawlu Cachia vs Avukat Generali et”, deciza fit-28 ta` Dicembru, 2001;

*““… fil-fehma ta` din il-Qorti u bhala regola, biex wiehed jista` jiggustifika t-tehid ta` proprjeta` jew l-interferenza mat-tgawdija pacifika ta` tali proprjeta` fl-interess pubbliku jew fl-interess generali irid ikun gie identifikat b`mod konkret dak l-uzu fl-interess pubbliku jew fl-interess generali. Mhux sufficjenti, ghalhekk, li jkun hemm progett fl-arja jew il-mera possibilita` ta` xi progett, ghax altrimenti facilment, taht il-pretest tal-interess pubbliku jew l-interess generali, jigi eluz dan id-dritt fondamentali. Huwa f`dan is-sens li jrid jinzamm bilanc gust bejn l-interessi tas-socjeta` u l-interess tal-individwu”*.

“Kif kompla jigi affermat mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “Lapsi Estate Ltd vs Kummissarju tal-Artijiet et”, deciza fis-26 ta` Jannar, 2007.

*““L-utilita` pubblika (trid) tirrizulta pozittivament lill-Qorti u ma tithallhiex fuq mera ipotesi ta` bzonn potenzjali”.*

"Fil-kaz in ezami, ma jirrizultax li kien hemm xi progett konkret, ghax wara id-dikjarazzjoni tal-President ta` Malta ta` Jannar, 1991, ma sar xejn biex jitwettaq l-izvilupp indikat fl-inhawi. Ghalkemm jidher li ghad hemm hsieb li xi darba tghaddi triq mis-sit in kwistjoni, ma jirrizultax lill-Qorti mill-provi prodotti li dan huwa interess <u>konkrett u attwali</u>, izda biss l-ideja li forsi xi darba dak il-progett ikun jista` jsehh. Huwa certament facli hafna li tghid li ghandek interess f`dan jew f`dak il-progett, pero`, jekk ma jkun sar xejn biex jigi fattwallizzat dak il-progett, difficcli li l-Qorti ssostni guridikament dak l-interess allegat.

"Il-principji li ghandhom jirregolaw il-materja gew ampjament elenkati fid-decizjoni li tat l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta` Dicembru, 2003, fil-kawza <u>"Allied Newspapers Ltd vs Avukat Generali et"</u>. F`dik is-sentenza, il-principji gew rikapitolati fis-sens li se jinghad:

**""1. Il-ligijiet li jaghtu s-seta` lill-Istat li jesproprija proprjeta` ta` individwi huma rikonoxxuti bhala mehtiega f`socjeta` demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta` zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita`. L-ezistenza ta` dawn il-ligijiet hi addirittura rikonoxxuta fl-istess Kostituzzjoni (Art. 37(2)) kif ukoll fl-Artiklu 1 ta` l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**"2. Id-dritt moghti lill-Istat li b`ligi jesproprija l-proprjeta` tal-privat ma hux wiehed assolut u insindakabbli, izda ghandu f`kull kaz jigi ezercitat strettament fil-parametri stabbiliti mhux biss fil-ligi li tawtorizza l-espropriju, <u>imma wkoll fl-osservanza tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea</u>. F`dan ir-rigward <u>l-operat ta` l-istat hu soggett ghall-verifika mill-organi gudizzjarji.</u>**

**"3. Id-dritt ta` l-espropriju moghti lill-Istat ghandu jitqies li hu eccezzjoni, ossia limitazzjoni tad-dritt fondamentali ta` kull individwu li jgawdi l-proprjeta` tieghu, jew, fi kliem il-Konvenzjoni, tad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu. Dan ifisser**

**li l-jedd ta` l-individwu ghandu jipprevali fejn l-Istat ma jkunx issodisfa adegwatament l-osservanza tad-dettami tal-Kostituzzjoni, tal-Konvenzjoni jew tal-ligi li bis-sahha taghha agixxa. Il-limitazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali, kif enuncjati kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-konvenzjoni, kellhom ghalhekk jigu applikati restrittivament fis-sens li f`kaz ta` dubbju dak id-dubbju kellu jmur favur l-individwu u mhux favur l-Istat. Dan ma jfissirx, pero`, li fejn l-Istat ghandu margini wiesgha ta` azzjoni dan kellu jigi b`xi mod imnaqqas jew imxekkel b`xi process ta` interpretazzjoni.**

**"4. Kien jispetta lil, u jinkombi fuq, l-Istat li jipprova adegwatament li fil-kaz partikolari li jkun taht ezami kienu jikkonkorru dawk l-elementi *sine qua non* mehtiega biex jintitolawh jagixxi fil-konfront ta` l-individwu b`mizura, in forza ta` ligi, lit kun ser tipprivah mill-possedimenti tieghu jew mill-uzu taghhom. Galadarba d-dritt ta` l-Istat li jesproprija jew jillimita l-uzu tal-possedimenti ta` l-individwu kien jikkostitwixxi deroga tal-jedd fondamentali u limitazzjoni tieghu, <u>dak id-dritt kellu jigi ezercitat biss fejn u sa kemm kien necessarju</u>, u dan ukoll peress li hu fuq kollox obbligu primarju ta` l-istess Stat li jirrikonoxxi d-drittijiet fondamentali ta` l-individwu, iwettaqhom u jharishom. Isegwi, ghalhekk, li l-Istat <u>ma jistax bla bzonn ixekkel il-jedd ta` l-individwu ghat-tgawdija tal-possedimenti tieghu</u>, u tali xkiel, fejn mehtieg, <u>kellu mhux biss ikun proporzjonat mal-htigijiet tal-kollettivita` imma wkoll ma kellux jestendi lil hinn mill-htigijiet taghha</u>.**

**"5. Isegwi il-principju bazilari fejn si tratta ta` esproprjazzjoni li fejn il-process tat-tehid tal-proprjeta` ma jkunx gie konkluz, u allura l-mizura setghet titqies f`dak l-istadju bhala wahda ta` tehid ta` pussess jew regolament ta` uzu ta` proprjeta`, l-Istat kellu l-obbligu li jirrilaxxja l-possediment lill-individwu li jkun proprjetarju tieghu biex igawdih bla xkiel, appena jkun jirrizulta li ma kienitx ghadha tokkorri r-**

**raguni valida u gustifikativa li pprovokat l-azzjoni ta` l-Istat fl-ewwel lok”**.

“Mic-cirkustanzi ta` dan il-kaz, jirrizulta li ghall-aktar minn sittax-il sena mid-dikjarazzjoni tal-President li s-sit kien mehtieg ghal skop pubbliku, sa meta gie intavolat ir-rikors promotur ta` din il-kawza, l-istat (jew ahjar, l-intimat Kummissarju tal-Artijiet) ma kien ghamel assolutament xejn biex jikkonkretizza l-pjanijiet sabiex dak is-sit jigi utilizzat ghal triq. Dan ifisser li ghal tul dan iz-zmien kollu, ir-rikorrenti inzammu fi stat ta` incertezza bl-interferenza kontinwa fit-tgawdija pacifika tal-fond proprjeta` taghhom, incertezza naxxenti mid-dikjarazzjoni tal-President, u dan avvolja l-bini bic-cwievet b`kollox baqa` f`idejn ir-rikorrenti.

“Din il-Qorti tifhem li l-progett kien jehtieg negozjati u diskussjonijiet, pero`, fil-waqt li hu minnu li l-istat ghandu d-dritt li jiddetermina hu x`inhuma l-progetti li ghandu jintraprendi fl-interess tal-kollettivita`, u anke jistabilixxi l-priorita` bejn id-diversi progetti li, kif jigri hafna drabi, ma jkunux jistghu jitwettqu kollha f`salt, mill-banda l-ohra ma hux gust li l-individwu jigi assoggettat ghal aktar minn sittax-il sena ghal interferenza fil-possedimenti tieghu, minghajr ma` dak il-progett, li kellu jsehh wara d-dikjarazzjoni ta` espropriju, jibda` b`xi mod jikkonkretizza ruhu. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ma jezistix bilanc gust bejn il-htigijiet tal-interess generali tal-komunita` (jew kollettivita`) u l-interferenza kontinwa mat-tgawdija pacifika li r-rikorrenti kellhom dritt ghaliha fir-rigward tal-fond numru 18, fi Triq Parisio, Sliema.

“Ghar-rigward tal-ilment a bazi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (dewmien fit-trattazzjoni tal-kaz), din il-Qorti tosserva li l-istat m`ghandux ma jiehux passi ulterjuri ghad-determinazzjoni tal-materja u hlas ta’ kumpens dovut. Skond il-procedura allura vigenti (qabel l-emendi introdotti bl-att XI tal-2002) wara l-hrug tad-Dikjarazzjoni ta’ esproprjazzjoni, il-Kummissarju tal-Art irid jsegwi l-materja billi javza lis-sid permezz ta’ avviz maghruf bhala Avviz ghall-Ftehim bil-htiga tal-esproprjazzjoni u jindika l-kumpens li jkun qed jigi offrut. Jekk is-sid ma jaqbilx mal-ammont tal-kumpens offrut,

ghandu javza b' dan lill-Kummissarju tal-Art fi zmien 21 jum minn meta jircievi l-Avviz ghall-Ftehim, u meta l-Kummissarju jircievi dan l-avviz, ghandu jibda proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet biex dan il-Bord jiffissa l-kumpens li ghandu jithallas lis-sid. Wara d-decisjoni tal-Bord, ikun jista jigi pubblikat il-kuntratt ta' trasferiment tal-art a favur il-Gvern.

"Sfortunatament il-ligi ma timponi ebda terminu fuq il-Kummissarju tal-Art entro liema jrid iressaq l-Avviz ghal-Ftehim, u f'kaz ta' kontestazzjoni fuq il-kumpens offrut, biex iressaq il-materja quddiem il-Bord tal-Arbitragg u fil-prattika, gieli gara li l-Kummissarju tal-Art jdum snin twal ma jiehu dawn il-passi. Hekk, fil fatt, gara f'dan il-kaz. Wara li saret id-Dikjarazzjoni ghall-esproprjazzjoni f`Jannar tal-1991, ma ittiehdu ebda passi ohra biex il-materja tigi determinata. Il-Qorti taghmilha cara mill-ewwel li hi tiddeplora dan l-atteggjament tal-Kummissarju tal-Art, u tara li hu abbuziv li f'kaz ta' esproprjazzjoni, is-sid jithalla fil-limbu ghal-aktar minn 16-il sena. Minn naha l-ohra, tqis ukoll li l-rikorrenti naqsu meta ghal tul dan iz-zmien kollu ma hadu ebda proceduri biex igieghlu lill-Kummissarju tal-Art jagixxi. Huwa ben maghruf bhala principju legali li meta l-ligi ma tipprovdix terminu biex isir xi att, min hu interessat jista' jadixxi l-Qorti ordinarja biex din tiffissa terminu xieraq skond ic-cirkostanzi (ara, bhala ezempju ta` dan il-principju, l-artikolu 1077 tal-Kodici Civili). L-Imhallef sedenti din il-Qorti, meta kien ghadu jippratikka ta' Avukat gieli kien mqabbad biex juza din il-procedura, u jista' jikkonferma li hi procedura effettiva, peress li malli l-Qorti timponi terminu perentorju fuq il-Kummisarju tal-Art, dana tal-ahhar kif ikun obbligu tieghu jagixxi. Hu veru li din mhux sitwazzjoni felici, izda ghan-nuqqas tal-Kummissarju tal-Art li jagixxi, hemm mod kif bi proceduri ordinarji, huwa jista' jigi mgieghel jagixxi (ara bhala ezempju ta' din il-procedura il-kawza "<u>Tabone v Kummissarju tal-Art</u>", decisa minn din il-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 2002).

"Il-Qorti thoss li persuna m'ghandhiex kull meta jkun hemm xi nuqqas tal-amministrazzjoni tinvoka mill-ewwel ksur tad-drittijiet fundamentali taghha minghajr ma fl-

ewwel lok, tara jekk l-Ordinament Guridiku jipprovdix hu stess rimedju. Ir-rimedju ordinarju ghandu jigi invokat qabel ir-rimedju straordinarju ibbazat fuq il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. F' dan il-kuntest din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li ntqal minnha fil-kawza "Mifsud Bonnici et v Tabone noe et", decisa fl-24 ta' Settembru, 2002, fejn intqal is-segwenti:

**""Din il-Qorti tifhem li rikors ghal soluzzjoni kostituzzjonali ghandu jkun "*a measure of last resort*" ghax hu prezunt li c-cittadin jista' u ghandu jsib il-protezzjoni tad-drittijiet tieghu fil-ligijiet tal-pajjiz. Id-drittijiet tac-cittadin huma moghtija lilu jew mill-ligi naturali (li taghti lil kull bniedem certi drittijiet fundamentali u inaljenabbli) jew mill-ligi tal-pajjiz stess. F' socjeta' ideali, l-ghoti ta' drittijiet huwa bizzejjed biex il-bniedem igawdi mill-istess drittijiet, u dan peress li jkun mistenni li kull membru ta' dik is-socjeta' jirrispetta d-drittijiet ta' l-iehor, u jaghti lil haddiehor dak li hu tieghu. Peress li din is-socjeta' idealistika, jekk kienet tezisti, ma tantx damet hekk tezisti, l-istess membri tas-socjeta' holqu awtorita' li lilha nghata l-poter tara li d-drittijiet ta' kull membru ta' dik is-socjeta' jigu onorati. Maz-zmien dik l-awtorita', zviluppat fi Gvern, b' poter mhux biss biex jaghti drittijiet lic-cittadini, izda anke biex johloq mezzi biex dawk id-drittijiet jigu protetti u enforzati. Lill-Gvern, ukoll, gew moghtija lilu poteri ohra, li, aktar ma ghadda z-zmien aktar saru ampji, komplessi u "*far reaching*". Hawn ukoll, f' socjeta' ideali, il-Gvern juza dawn il-poteri tieghu "*fairly and equally*", u fl-interess tac-cittadin u tas-socjeta' innifisha. Peress li kull Gvern jaf li hu ma joperax fi stat ideali, meta l-Gvern ha fuqu dawn il-poteri haseb ukoll ghall-possibilita' ta' abbuz u, fil-fatt, il-ligi ordinarja tipprovdi ghall-kontroll tal-Amministrazzjoni b' rimedji appoziti.**

**"Il-ligi ordinarja, ghalhekk, kemm meta taghti drittijiet u poteri lic-cittadin, kemm meta taghti l-istess lill-Amministrazzjoni, tipprovdi, fiha nnifisha, soluzzjonijiet kemm biex dawk id-drittijiet ikunu**

**jistghu jigu gawduti, kif ukoll biex jigu temperati f' kaz li dak li jkun jeccedi l-limiti tad-dritt jew poter tieghu. L-Ordinament Guridiku, fi kliem iehor, ghandu jitqies, hu prezunt u ghandu jinghata l-opportunita' li jsolvi hu stess il-problemi li jinqalghu bl-ezercizzju tad-drittijiet u l-poteri li hu stess jikkonferixxi, u hu biss meta dan l-Ordinament Guridiku jirrizulta li hu monk f' dawn is-soluzzjonijiet, li c-cittadin jkun jista' jirrikorri ghar-rimedju straordinarju taht il-Kostituzzjoni tal-pajjiz. Rimedju taht il-Kostituzzjoni hu, biex nghidu hekk, ta' imbarazz ghall-Gvern, ghax ikun ifisser li jew abbuza bil-poteri tieghu jew naqas li jipprovdi lic-cittadin b' rimedju ghad-dritt tieghu, lilu koncessi jew bil-ligi naturali jew bil-ligi ta' l-istat stess. Ghalhekk, il-Kostituzzjoni stess tipprovdi illi, qabel ma dak li jkun iressaq ilment taht il-Kostituzzjoni, irid l-ewwel "*to exhaust all ordinary remedies*", ghax qabel ma jallega nuqqas da parti tal-Awtorita' Governattiva, irid l-ewwel, jipprova jiehu ir-rimedju tieghu taht il-ligi ordinarja li provdielu l-istess Gvern. Hu biss jekk jirrizulta lil-Gvern ma ipprovdhiex rimedju adegwat, li c-cittadin jista' jakkuza lill-Awtorita' b' nuqqas b' kawza kostituzzjonali. M' ghandux jigi prezunt li l-Gvern naqas li jipprovdi lic-cittadin b' rimedju ghal-lanjanzi tieghu; anzi Ordinament Guridiku shieh u komplut ghandu jkun prezunt li jikkontjeni, fih innifsu, d-drittijiet u r-rimedji opportuni li jehtieg il-pubbliku soggett ghal dak l-Ordinament. Jekk ir-rimedju li jipprovdi l-Ordinament ma jkunx effettiv, allura imbaghad, ic-cittadin jista' jakkuza lill-Gvern li naqas li jipprovdilu b' rimedju adegwat.**

**"Fuq din il-kwistjoni, l-awturi Jacobs and White, fil-ktieb "*The European Convention on Human Rights*" (Clarendon Press, 1996 Ed.) jghidu, f' pagan 354:**

***""The Commission, citing the Interhandel Case before the International Court of Justice, has stated that the rule requiring the exhaustion of domestic remedies as a condition of the presentation of an international claim is founded upon the principle that the respondent State must first have an opportunity to***

***redress by its own means within the framework of its own domestic legal system the wrong alleged to have been done to the individual".***

**"Fil-kuntest ta' tilwima lokali, il-Gvern ghandu jkollu opportunita` juri li ghall-ilmenti partikolari gia' provda rimedji, u darba dawn jezistu (tant li f' din il-kawza qed jigu invokati mill-atturi stess) huwa fil-kuntest ta' dawn ir-rimedji li l-ilmenti ghandhom, fl-ewwel lok jigu mistharga. Min jirrikorri ghal rimedju kostituzzjonali, jrid juri jew li m' ghandux rimedji ordinarji jew li dawn mhux effettivi; f' dan il-kaz l-atturi dan ma wrewhx ghax, fl-ewwel lok, huma stess invokaw rimedji ordinarji u ghax, fit-tieni lok, ghandu ma giex deciz jekk ir-rimedji ordinarji jaghtux rimedju effettiv lill-atturi. Kwindi, f'dan l-istadju, l-istharrig Kostituzzjonali li talbu l-atturi ma jistax jinbeda.**

**"Ghal kull *buon fini*, issir riferenza ukoll ghad-decisjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza <u>"Al Sakalli vs Prim Ministru et"</u> moghtija fis-7 ta' April, 2000, fejn intqal b' mod enfatiku li l-iskop ta' azzjoni bazata fuq id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem hi biex tinghata rimedju meta ma hemmx rimedju iehor li jista' jinghata taht il-ligi ordinarja. Jekk hemm rimedju taht il-ligi ordinarja ghandu l-ewwel jezawrixxi dawk ir-rimedji qabel ma jitlob rimedju kostituzzjonali (ara wkoll <u>"Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija"</u> deciza mill-istess Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1993, u <u>"McKay vs Kummissarju tal-Pulizija"</u> deciza min din il-Qorti fis-27 ta' Lulju, 1995)."**

"Kif intwera, l-Qorti ordinarji huma dejjem propensi jimponu zmien fuq parti biex tagixxi meta tara li n-nuqqas ta' terminu patwit jew impost, jista' jkun ta' pregudizzju ghall-parti l-ohra, u meta jigi impost tali terminu, il-parti sokombenti tkun trid tagixxi entro dak it-terminu, ghax tista' tkun passibbli anke ghall-proceduri ta' disprezz fil-konfront taghha (u dan apparti konsegwenzi legali li jistghu jirrizultaw b' konsegwenza tan-nuqqas). Persuna ghalhekk, li ghal 16-il sena shah injorat u ma invokatx ir-rimedji ordinarji pprovduti bl-Ordinament Guridiku, ma

tistax wara tirreklama d-danni kollha sofferti minnha (ara bhala rifless fuq dan il-principju l-kawza “Briffa vs Roger Satariano and Sons Ltd”, decisa minn din il-Qorti fil-11 ta’ Gunju, 1997).

“Din il-Qorti, ghalhekk, ma tarax li ghandha tilqa` talba tar-rikorrenti ghal dikjarazzjoni ta` ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

“Ghar-rigward tad-danni, l-intimati jargumentaw li, peress li r-rikorrenti baqghu fil-pussess materjali tal-fond, huma setghu liberament jibqghu juzawh, u jekk abbandunawh u hallewh jaqa` fir-rovina, ma jistghux jitolbu l-Gvern biex iwiegeb ghad-danni. Din il-Qorti, minn naha l-ohra, tifhem ukoll li sid ta` proprjeta` li tkun identifikata mill-awtoritajiet li ghandha titwaqqa`, m`ghandux ikun mistenni li joqghod jonfoq flus biex jirrangaha. Wiehed mhux mistenni li joqghod jirrepara u jirranga fond intenzjonat ghal demolizzjoni. Minn naha l-ohra, din il-Qorti tara li n-nuqqas tar-rikorrenti li jikkawtelaw tempestivament l-interessi taghhom, ghandu jwassal ghal temperament fl-ghoti tad-danni li huma intitolati ghalihom.

“B`din id-decizjoni, il-Qorti sejra tordna r-rilaxx tal-post a favur is-sidien rikorrenti, u kwindi l-proprjeta` se terga` tinghata lura f`idejn is-sidien. Jibqa` l-fatt li l-fond ghandu hsarat kbar u ghal tul sittax-il sena is-sidien gew impeduti milli juzufruwixxu mill-potenzjal tieghu. Ma giex indikat lill-Qorti x`inhi l-ispiza necessarja biex il-post jigi rrangat. Id-dar bil-gnien maghha gie indikat li tiswa` madwar Lm 275,000, izda din, kif inghad, se tibqa` f`idejn is-sidien. Il-Qorti sejra, ghalhekk, tiffissa, *‘arbitrio boni viri’* somma bhala kumpens ghal hsarat li thallew jigru fil-fond, mehud in konsiderazzjoni l-fatt li ghal dan jahtu in parte r-rikorrenti li ghal diversi snin m`ghamlu xejn biex igieghlu lill-awtoritajiet jiffinalizzaw il-process tal-esproprjazzjoni, u bhala danni morali ghall-agir xejn rispettuz u hafna traskurat da parti ta` l-intimat kif fuq spjegat; il-Qorti tiffissa din is-somma f`ammont ta` € 50,000.”

**L-appell principali**

**8.** Il-Kummissarju ta’ l-Artijiet appella minn din is-sentenza. L-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti kellha tilqa’ l-eccezzjoni tal-intimati fejn talbu lill-Prim Awla tastjeni milli tisma’ l-kaz, ghax ir-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju xieraq ghad-disposizzjoni taghhom u li bih setghu jirrimedjaw in-nuqqasijiet li huma qed jallegaw li kien hemm.
2. Skond l-appellant, il-Gvern kellu progett konkret ippjanat ghal dan il-fond esproprjat, u ghalhekk ma kienx jonqos l-interess pubbliku f’din l-esproprjazzjoni.
3. Illi inkwantu l-ewwel Qorti ordnat ir-rilaxx tal-proprjeta` *de quo* hija marret lil hinn minn dak mitlub fir-rikors promotorju u l-argumentazzjoni ta’ l-istess Qorti. In kwantu ghad-danni likwidati, l-appellant jissottometti illi ma ngabet l-ebda prova ta’ kemm gew jiswew id-danni allegatament kagunati fil-fond, u l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt illi l-Gvern qatt ma ha pussess materjali tal-fond. Fi kwalunkwe kaz, l-ammont ta’ danni likwidati huwa manifestament esagerat.

**<u>L-appell incidentali</u>**

**9.** Fir-risposta taghhom ghal dan l-appell, l-intimati appellati appellaw incidentalment mis-sentenza. L-aggravju taghhom huwa bazikament wiehed, u cioe` li ghalkemm l-ewwel Qorti kellha ragun tiddeplora id-dewmien ta’ l-appellant sabiex jikkonkludi l-proceduri ta’ l-esproprjazzjoni, l-ewwel Qorti ma kellhiex ragun tikkonkludi li huma kienu responsabbli b’xi mod jew in parti ghal dan id-dewmien, ghaliex ma utilizzawx rimedju ordinarju li kien disponibbli ghalihom.

**10.** Ghal ragunijiet ta’ ordni ta’ hsieb jekk mhux ukoll ta’ logika, din il-Qorti sejra tikkunsidra t-tielet u l-ahhar aggravju ta’ l-appellant Kummissarju ta’ l-Artijiet, cioe` dak dwar ir-rimedju li nghata lill-appellati, <u>wara</u> li tikkunsidra l-appell incidentali, ghax ovvjament l-ezitu ta’ l-appell incidentali, ghandu impatt fuq il-kwistjoni tar-rimedju li ghandu jinghata, jekk ikun il-kaz.

**<u>L-ewwel aggravju ta' l-appell principali</u>**

**11.** Fl-ewwel aggravju taghhom, l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-eccezzjoni tal-intimati (Kummissarju ta' l-Artijiet u, sa dak iz-zmien, l-Avukat Generali) fejn talbu lill-Prim Awla tastjeni milli tisma' l-kaz, ghax ir-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju xieraq ghad-disposizzjoni taghhom u li bih setghu jirrimedjaw in-nuqqasijiet li huma qed jallegaw li kien hemm. Huma jissottomettu li l-appellati kellhom zewg rimedji ordinarji u cioe: (1) azzjoni ghal stharrig gudizzjarju sabiex jattakkaw l-allegat nuqqas ta' skop pubbliku fit-tehid tal-proprjeta` in kwistjoni, u matul il-perjodu li ilha esproprjata, u (2) azzjoni sabiex il-Qorti tiffissa terminu li fih il-Kummissarju ta' l-Artijiet irid jagixxi sabiex jinhareg l-avviz ghal ftehim u jitkompla l-process ta' l-esproprjazzjoni.

**12.** L-ewwel Qorti ma ikkummentat xejn fis-sentenza taghha dwar l-ewwel allegat rimedju, u cioe` kawza ghal stharrig gudizzjarju sabiex jigi ndagat jekk l-art ittehdietx u ghadhiex qed tinzamm ghal skop pubbliku, ghalkemm ghandu jinghad li dan l-allegat rimedju kien gie msemmi fir-risposta ta' l-appellant ghar-rikors promotorju. Din it-tip ta' azzjoni jidher li giet ghall-ewwel darba proposta bhala azzjoni disponibbli w effettiva taht il-ligi Maltija fis-sentenza **Ganni Farrugia et v. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet**, deciza fil-5 ta' Marzu 2004 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza ordinarja taghha. F'din is-sentenza dik il-Qorti tat interpretazzjoni innovattiva lill-Artikolu 6 tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi illi: *"Hadd ma jista' jitlob prova ta' l-iskop pubbliku msemmi fl-artikolu 3 u 4 u fl-artikolu 8(1) minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta."* Sa dak iz-zmien kien generalment ritenut li dan l-Artikolu 6 kien ta' ostaklu ghal kawza ordinarja ta' stharrig gudizzjarju, ghax appuntu jimpedixxi lill-qrati ordinarji milli jaghmlu tali stharrig gudizzjarju.

**13.** Pero`, fl-imsemmija sentenza ta' **Ganni Farrugia**, il-Prim Awla rriteniet hekk: *"Madankollu, ma hix ta' ostakolu ghat-talbiet ta' l-attur id-dispozizzjoni ta' l-art. 6 tal-Kap. 88, li jghid illi hadd ma' jista' jitlob prova ohra ta' l-iskop pubbliku minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta.*

*Interpretazzjoni korretta ta' din id-dispozizzjoni, maghmula wkoll fid-dawl tad-dispozizzjonijiet li jharsu l-jeddijiet fondamentali, hija li, ghalkemm il-gvern ma ghandu ghalfejn igib ebda prova ohra minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, il-prezunzjoni mahluqa b'dik id-dikjarazzjoni ma tistax tkun wahda iuris et de iure biex il-Kap. 88 jibqa' kompatibbli mal-ligijiet li jharsu l-jeddijiet fondamentali, u tkun meghluba jekk jintwera li ma kienx hemm l-iskop pubbliku li trid il-ligi biex it-tehid ta' l-art ikun jiswa."*

**14.** Ma jidhirx li din l-interpretazzjoni innovattiva ghadha giet assodata fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Ghalkemm din il-Qorti, cioe` l-Qorti Kostituzzjonali, ghamlet riferenza ghal din l-interpretazzjoni innovattiva fis-sentenza ta' **Gianni Farrugia** fis-sentenza taghha **Joseph John Edwards et v. Kummissarju ta' l-Artijiet et** deciza fis-7 ta' Ottubru 2005, hija ma dahlitx fil-kwistjoni jekk taqbilx ma' din l-interpretazzjoni jew le. U fir-realta` lanqas huwa necessarju <u>ghal fini ta' din il-kawza</u> li din il-Qorti tikkonsidra jekk tali interpretazzjoni hijiex korretta jew le. Dan ghaliex, kif sewwa jirrilevaw l-appellati fir-risposta ta' l-appell taghhom, sabiex tiddeklina mill-gurisdizzjoni taghha, l-ewwel Qorti riedet tkun sodisfatta li r-rimedju ordinarju ikun wiehed effettiv, adegwat u xieraq. Kif diga` inghad, il-possibilita` ta' azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' l-iskop pubbliku ta' esproprjazzjoni, ghadha mhijiex assodata fil-gurisprudenza lokali, u ghalhekk ma jistax jinghad li dan ir-rimedju li qed jipproponi l-appellant Kummissarju ta' l-Artijiet (u li kien ippropona wkoll l-Avukat Generali quddiem l-ewwel Qorti) jista' jitqies bhala wiehed effettiv u xieraq, ghall-inqas f'dan l-istadju ta' l-izvilupp tal-gurisprudenza lokali. Kienet ghalhekk korretta l-ewwel Qorti li ma iddeklinatx li tezercita l-gurisdizzjoni taghha.

**15.** It-tieni rimedju li l-appellant qed jissottometti li kien a disposizzjoni ta' l-appellati hija azzjoni sabiex jigi prefiss zmien perentorju li fih il-Kummissarju ta' l-Artijiet irid jagixxi sabiex jitkomplew il-proceduri ta' l-esproprjazzjoni. Issa, huwa veru li dan ir-rimedju semmietu l-ewwel Qorti minn rajha, u ma kienx parti mis-sottomissjonijiet ta' l-

intimati (li wiehed minnhom hu l-appellant odjern). Huwa veru wkoll li l-ewwel Qorti kkritikat hafna lill-appellati, *qua* proprjetarji tal-fond *de quo*, talli ma istitwewx tali proceduri, pero` din il-kritika saret meta l-ewwel Qorti kienet qeghda tikkunsidra l-ilment ta' ksur tad-dritt ta' access ghal qorti u mhux meta kienet qed tikkunsidra l-ilment ta' ksur tad-dritt ta' proprjeta`. Ghalhekk huwa car li minkejja li l-ewwel Qorti sabet li l-appellati kellhom rimedju xieraq, hija xorta wahda ghazlet – kif kellha, wara kollox, kull dritt taghmel – li ma tiddeklinax milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha biex tindaga jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' proprjeta`. Il-Qorti Kostituzzjonali tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ezercitata mill-ewwel Qorti bl-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea meta dik id-diskrezzjoni tkun giet ezercitata b'mod irragonevoli u manifestament hazin. Fil-kaz odjern ma jezistux l-estremi li ghandhom iwasslu lil din il-Qorti li tiddisturba d-diskrezzjoni li ezercitat l-ewwel Qorti. Ghaldaqstant, dan l-ewwel aggravju ta' l-appellant qed jigu michud.

**<u>It-tieni aggravju ta' l-appell principali</u>**

**16.** F'dan l-aggravju l-appellant jilmenta li l-Gvern kellu progett konkret ippjanat ghal dan il-fond esproprjat, u ghalhekk ma kienx jonqos l-interess pubbliku f'din l-esproprjazzjoni. Il-principji applikabbli in materja gew dibattuti w epurati f'diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati, ikkwotati estensivament mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u ghalhekk, a skans ta' ripetizzjoni inutli, mhux ser jergghu jigu riprodotti. Huwa sufficjenti li jinghad li f'kaz ta' esproprjazzjoni l-iskop pubbliku li ghalih tittiehed proprjeta` irid ikun wiehed reali u konkret, u jrid jinzamm bilanc gust bejn l-interessi generali u l-effett ta' l-esproprjazzjoni fuq sid l-art. Fil-kaz odjern, il-proprjeta` *de quo* giet ritenuta necessarja li tittiehed ghal skop pubbliku b'dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fl-1991, u dan sabiex tinfetah triq, u s'hawnhekk din il-Qorti hija sodisfatta li meta giet pubblikata din id-dikjarazzjoni, it-tehid kien qed isir, ghall-inqas *prima facie*, ghal skop pubbliku. Pero` jirrizulta ampjament li l-Gvern ma ghamel xejn biex jattwa dan il-progett, u iktar importanti minn hekk, ma ghamel

xejn sabiex jikkompleta l-process ta’ l-esproprjazzjoni. Ghalkemm il-Gvern ghandu kull dritt li jiddeciedi hu xi prijorita` ghandhom jinghataw id-diversi progetti li jkunu jridu jsiru fil-pajjiz, huwa ma jistax min-naha l-ohra ihalli lill-individwu “imdendel”, jistenna ghal tmintax-il sena shah, li l-proceduri ta’ l-esproprjazzjoni jigu kompletati u li jinghata kumpens gust ta’ l-art li ittiehidlu jew li tkun dejjem *in procinto* li tittiehed ghax tkun giet dikjarata b’dikjarazzjoni tal-President li hi mehtiega ghal skop pubbliku. Kienu x’kienu r-ragunijiet ghaliex il-progett tal-ftuh tat-triq ma sarx f’dawn is-snin kollha, certament ma hemm l-ebda gustifikazzjoni ghaliex l-appellant ma kompliex il-proceduri ta’ l-esproprjazzjoni li kienu nbdew. It-tkomplija tal-proceduri ta’ l-esproprjazzjoni huma indipendenti minn meta jattwa ruhu l-progett tal-ftuh tat-triq, li jidher li kien hemm – ghaliex mill-provi jirrizulta li llum l-Gvern qed jikkontempla li jaghmel tarag pubbliku minflok it-triq li kienet ipprogetta originarjament.

**17.** Ghaldaqstant, jirrizulta illi ghall-inqas f’xi zmien wara l-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta, l-iskop li tinfetah triq minflok il-proprjeta` li kellha tittiehed ma baqax wiehed “konkret u reali”, tant li mhux biss il-progett ma sarx tul dawn is-snin kollha, izda l-appellant lanqas indenja ruhu jkompli l-process ta’ l-esproprjazzjoni, sabiex ghall-inqas l-appellati jithallsu tal-proprjeta` li kienet giet dikjarata bhala li hi mehtiega – bl-interferenza kollha fit-tgawdija pacifika ta’ dik l-art li tali dikjarazzjoni timporta – u ghall-inqas jinghatalhom access effettiv biex juzaw u jgawdu r-rimanenti porzjoni tal-proprjeta` li ma kienitx giet milquta bid-dikjarazzjoni presidenzjali. Ghalkemm l-appellant pprova jaghti xi forma ta’ gustifikazzjoni ghaliex il-ftuh tat-triq jew tarag pubbliku ghadu ma attwax ruhu, huwa naqas li jiggustifika ghalfejn kien hemm dan id-dewmien kollu sabiex jigu kompletati il-proceduri ta’ l-esproprjazzjoni. Konsegwentement dan l-aggravju ghandu jigi wkoll michud.

**<u>L-appell incidentali</u>**

**18.** Fl-appell incidentali taghhom, l-appellati jilmentaw li ghalkemm l-ewwel Qorti kellha ragun tiddeplora id-

dewmien ta’ l-appellant Kummissarju tal-Artijiet sabiex jikkonkludi l-proceduri ta’ l-esproprjazzjoni, dik il-Qorti ma kellhiex ragun tikkonkludi li huma kienu responsabbli, ossia li kkontribwew, ghal dan id-dewmien, ghaliex ma utilizzawx rimedju ordinarju li kien disponibbli ghalihom, u tichad l-ilment taghhom taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**19.** Fid-decizjoni taghha, l-ewwel Qorti rriteniet illi fir-rigward ta’ dan l-ilment ta’ ksur tad-dritt ta’ access ghal Qorti, l-appellati ma utilizzawx ir-rimedju ordinarju li jistitwixxu proceduri civili fejn jitolbu lill-Qorti tiffissa terminu qasir u perentorju li fih il-Kummissarju ta’ l-Artijiet irid jagixxi biex ikompli l-procedura ta’ l-esproprjazzjoni. Din il-Qorti taqbel ma’ l-ewwel Qorti li dan huwa rimedju li kien disponibbli disponibbli u li seta’ naqqas hafna d-dewmien f’dan il-kaz; hu rimedju li intuza diversi drabi minn sidien ta’ proprjeta` esproprjata li sfortunatament isibu rwiehhom fl-istess sitwazzjoni li kienu fiha l-appellati.

**20.** L-appellati ma jichdux li dan ir-rimedju kien disponibbli ghalihom u li kien rimedju effettiv, u lanqas jippruvaw jaghtu xi gustifikazzjoni ghalfejn ma irrikorrewx ghalih. Pero` fl-appell incidentali taghhom jissottomettu illi *“… … (A)nke kieku huma setghu jistitwixxu proceduri sabiex il-Qorti tipprefiggi terminu f’liema l-Kummissarju ta’ l-Artijiet kellu jipprocedi, dan iqieghed obbligu iehor fuq is-sidien u jzid mal-pizijiet taghhom … …”* Meta jaghmlu din is-sottomissjoni, l-appellati donnhom jinsew li l-obbligu li jezawrixxu r-rimedji ordinarji qabel jistitwixxu l-proceduri straordinarji ta’ ksur ta’ drittijiet tal-bniedem, huwa preskritt mill-istess Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Huwa veru li anke f’kazijiet fejn ir-rimedju ordinarju ma jigix ezawrit, il-Prim Awla tal-Qorti Civili xorta ghandha d-diskrezzjoni li ma tiddeklinax mill-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, u xorta tisma’ l-kawza fir-rigward ta’ allegat ksur ta’ drittijiet fundamentali. Pero` din id-diskrezzjoni – bhal kull diskrezzjoni ohra – ghandha tintuza b’mod ragonevoli u b’cirkospezzjoni kbira, u fejn ikun hemm ragunijiet serji ghaliex ir-rikorrent ma jkunx uza dak ir-rimedju ordinarju. Altrimenti l-iskop tal-legislatur meta ippreskriva li l-ewwel

ghandu jigi ezawrit ir-rimedju ordinarju jigi stultifikat. Kif sewwa osservat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Karmenu Mifsud Bonnici vs Anthony Tabone et** deciza fl-24 ta' Settembru 2002 – u li giet ikkwotata estensivament mill-ewwel Qorti – *"rikors ghal soluzzjoni kostituzzjonali ghandu jkun "a measure of last resort" ghax hu presunt li c-cittadin jista' u ghandu jsib il-protezzjoni tad-drittijiet tieghu fil-ligijiet tal-pajjiz. … … (U) hu biss meta dan l-Ordinament Guridiku jirrizulta li hu monk f'dawn is-soluzzjonijiet, li c-cittadin jkun jista' jirrikorri ghar-rimedju straordinarju taht il-Kostituzzjoni tal-pajjiz."*

**21.** Ghalhekk ma hemmx dubju li f'dan il-kaz kien hemm element ta' kontributorjeta` qawwija da parti ta' l-appellati ghalbiex il-proceduri gudizzjarji ghad-determinazzjoni tal-kumpens xieraq ma jibdewx, u fic-cirkostanzi tal-kaz l-appell incidentali ghandu jigi, kif sejjer jigi, respint.

**<u>It-tielet aggravju ta' l-appell principali</u>**

**22.** F'dan l-aggravju l-appellant jissottometti illi inkwantu l-ewwel Qorti ordnat ir-rilaxx tal-proprjeta` *de quo* hija marret lil hinn minn dak mitlub fir-rikors promotur u l-argumentazzjoni ta' l-istess Qorti. In kwantu ghad-danni likwidati, l-appellant Kummissarju tal-Artijiet jissottometti illi ma ngabet l-ebda prova ta kemm kienu d-danni allegatament kagunati fil-fond, u l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni il-fatt illi l-Gvern qatt ma ha pussess materjali tal-fond. Ikompli jargumenta l-appellant illi fi kwalunkwe kaz, l-ammont ta' danni likwidati huwa manifestament esagerat.

**23.** Fir-rigward ta' l-ordni ghar-rilaxx tal-proprjeta`, din il-Qorti fil-verita` ma tantx ghandha xi tghid. Jigi rilevat li fl-ewwel talba taghhom fir-rikors promotur, l-appellati, allura rikorrenti, talbu lill-ewwel Qorti *"tiddikjara illi t-tehid tal-proprjeta` fuq imsemmija anke jekk meta ittiehdet kienet isservi skop pubbliku, illum tali tehid jiddifetta minn skop pubbliku u ghalhekk id-Dikjarazzjoni tal-President tat-22 ta' Jannar 1991 li biha l-proprjeta` tar-rikorrenti giet esproprjata hija nulla u bla effett … …"*. Huwa ovvju illi

jekk id-Dikjarazzjoni tal-President *de quo* tigi dikjarata nulla u bla effett, awtomatikament il-proprjeta` tirriverti lura ghand l-appellati. Ghaldaqstant, fid-dawl ta' din l-ewwel talba fir-rikors promotorju ta' l-appellati, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant jista' jghid illi meta l-ewwel Qorti ordnat ir-rilaxx tal-proprjeta` hija marret lil hinn minn dak mitlub fir-rikors promotorju u l-argumentazzjoni tgahha stess. Apparti dan, ir-rimedju kostituzzjonali li tista' taghti l-Prim Awla, u anke din il-Qorti (il-Qorti Kostituzzjonali) ma hux neccessarjament dak li jkun intalab. Konsegwentement, in kwantu dan l-aggravvju jirrigwarda l-ordni ta' rilaxx tal-proprjeta`, dan l-aggravju ma jistax jigi milqugh.

**24.** It-tieni parti ta' dan l-aggravju tikkoncerna il-likwidazzjoni ta' €50,000 bhala danni materjali u morali ghal ksur tad-dritt ta' proprjeta` ta' l-appellati. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li ghalkemm l-appellanti kellhom il-pussess materjali tal-fond, wiehed ma jistax jippretendi li dawn kienu mistennija li jonfqu l-flus biex jaghmlu l-manutenzjoni necessarja, meta fuq kollox dan il-post gie dikjarat esproprjat sabiex eventwalment jitwaqqa' u tinfetah triq. Pero` min-naha l-ohra, kif sewwa issottometta l-appellant – u dan gie anki affermat mill-ewwel Qorti – l-appellati ma ndikawx lill-Qorti x'inhi l-ispiza necessarja sabiex il-fond in kwistjoni jigi rrangat, u l-valur tal-mobbli li gew nieqsa mill-fond. Inoltre, mill-provi prodotti mill-appellati stess jidher li dawn m'ghandhomx intenzjoni li jaghmlu l-manutenzjoni fil-proprjeta`, ghax ghandhom intenzjoni li jwaqqghuha u minflokha jibnu blokk appartamenti[5].

**25.** Ghaldaqstant u fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, din il-Qorti ma taqbilx li l-ewwel Qorti kellha tillikwida *arbitrio boni viri* ammont <u>bhala kumpens ghall-hsarat materjali li thallew isiru fil-fond</u>. Ladarba ma saritx il-prova ta' l-ammont ta' dawn id-danni, it-talba ghal-likwidazzjoni ta' dawn id-danni, jekk ikun il-kaz, ghandha tigi rizervata sabiex tigi ippruvata skond il-ligi u deciza f'gudizzju separat.

---

[5] Ara Dok. PS1 a fol. 22 *et seq*. tal-process.

**26.** Rigward id-danni morali, pero`, wiehed irid jikkonsidra (1) li wara tmintax-il sena, l-appellant baqa' ma ikkompletax il-procedura ta' l-esproprjazzjoni, u (2) l-inkonvenjent u l-frustrazzjoni li bil-fors batew l-appellati tul dawn is-snin, (3) apparti l-impossibilita` jew kwazi impossibilita` taghhom li jaghmlu uzu komplet u jgawdu minn dik il-parti tal-proprjeta` li ma gietx desinjata bhala esproprjata; u dan kollu bhala konsegwenza tan-nuqqas ta' l-appellant li jagixxi f'termini ragjonevoli sabiex jikkompleta l-esproprjazzjoni, kif kien dover tieghu li jaghmel. Din il-Qorti hi tal-fehma li ghandu wkoll jittiehed kont tal-fatt, li ghar-ragunijiet fuq spjegati, l-appellati jahtu wkoll in parti ghal dan id-dewmien ghaliex ma utilizzawx rimedju ordinarju li kien disponibbli ghalihom. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti hi tal-fehma li ikun xieraq illi l-appellant ihallas lill-appellati is-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) bhala kumpens morali ghall-vjolazzjoni tad-dritt taghhom ghall-pacifiku godiment tal-proprjeta` taghhom.

**27.** Finalment ghandu jigi precizat li din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma hi b'ebda mod qed tikkunsidra l-effett fuq din il-kawza tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni, u dan mhux biss peress li quddiem il-Prim Awla ma nghatat ebda eccezzjoni bbazata fuq din id-disposizzjoni izda, u aktar importanti, peress li fi stadju ta' appell ma kien hemm ebda aggravju bbazat fuq l-istess disposizzjoni.

**Decide**

**28.** Ghall-motivi premessi, (1) tichad l-appell incidentali, bl-ispejjez relattivi kontra l-appellati (rikorrenti fl-ewwel istanza); (2) thassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-Kummissarju tal-Artijiet ihallas lir-rikorrenti (appellati odjerni) s-somma ta' €50,000 "bhala kumpens ghall-hsarat fil-fond u ghal agir illegali w abuziv tieghu", u minflok tikkundanna lill-istess Kummissarju tal-Artijiet ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) u dana bhala danni morali ghall-agir illegali w abuziv tieghu, bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' l-

ewwel sentenza (16/5/2008) sal-pagament effettiv, u b’rizerva ghal danni akwiljani jew xort’ohra – jekk jirrizulta li kien hemm tali danni li ghalihom ghandu jwiegeb l-istess Kummissarju – li talvolta jistghu jigu determinati, likwidati u akkollati f’gudizzju separat; u (3) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. L-ispejjez konnessi ma’ l-appell principali jithallsu kollha mill-appellant Kummissarju ta’ l-Artijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------